**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**MAĠISTRAT**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Antonello Magri)**

**-Vs-**

**HAGEN AZZOPARDI**

**Illum 23 ta’ Mejju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi miġjuba kontra **HAGEN AZZOPARDI** karta tal-identit’ 405193M ta’ 32 sena imwieled Pieta’ nhar 29 ta’ Awwissu 1993 bin Joseph u Wendy nee’ Micallef residenti 183, Flat 8, Triq il-Wied Msida, li ġie akkuzat talli nhar it-18 ta’ Mejju 2025 fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta’ qabel ġewwa dawn il-Gżejjer:-

1. Ikkaġuna biża’ biza lil **Sabrina Farrugia (siehba ta qabel tieghu)** li ser tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet liema delitt twettaq kontra l- omm u/jew fil-prezenza ta’ minuri dan bi ksur ta’ artikoli 251(3); 251H; 251HA u 202(h) tal-Kodici Kriminali ta’ Malta.

2. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' **Sabrina Farrugia ( Siehba ta qabel tieghu )** f'periklu ċar hebbejt għal **Sabrina Farrugia (Siehba ta qabel tieghu)** u kkaġunajtilha offiża ta' natura ħafifa U dan bi ksur ta' artikolu 214,222(1)(a) 221(1) u 202(h)(l) tal- kodici kriminali ta' Malta.

3. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor cioe u dan ghad dannu ta **Sabrina Farrugia ( Siehba ta qabel tieghu)** fejn l-ammont ma **jiskorrix l- elfejn u hames mitt euro (2500 euros) izda iktar minn mitejn u hamsin euro (250 euros)** u dan bi ksur ta' artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

4. Insulentajt, heddidt jew inġurjajt bi kliem jew b'mod ieħor lil **Sabrina Farrugia (Siehba ta qabel tieghu)**. Art.339(1)(e) u 202(h) tal- kodici ta Malta

5. Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal- Magistrati ta' Malta presjeduta mill-magistrat **Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D**. fid-digriet tagħha datat **24 ta' Marzu 2022** li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest; u dan skond l- artikolu 579(2) tal- kap 9 tal- ligijiet ta Malta

6. Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal- Magistrati ta' Malta presjeduta mill-magistrat **Dr. Simone Grech Ll.d**. fid-digriet tagħha datat **9 ta' Lulju 2019** li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest; u dan skond l- artikolu 579(2) tal- kap 9 tal- ligijiet ta Malta

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, sabiex tordna r-revoka tal-ħelsien mill-arrest mogħti permezz tad-digriet fuq imsemmija, u tordna l-arrest mill-ġdid tal-imputat **Hagen Azzopardi**, u kif ukoll li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jkun ikkonfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravita' tar-reat;

Il- Qorti hija wkoll gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra **Hagen Azzopardi** ghall-beneficcju ta' **Sabrina Farrugia** u dan ai termini ta' artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' **Sabrina Farrugia** dan u f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali taħt l-artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali biex il-proċeduri jiġu trattati bil-proċedura sommarja;
Semgħet lill-Uffiċjal Prosekutur jaqra l-akkużi u jikkonfermahom bil-ġurament;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha;

Wissiet lill-imputat dwar in-natura tar-reati li dwarhom ġie mixli u l-konsegwenza legali tal-ammissjoni u tatu ħin biex jahseb sew dwar din l-ammissjoni tal-ħtija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tiegħu;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tiegħu anke wara li ġie mwissi dwar il-konsegwenzi ta' dikjarazzjoni ta' ħtija u l-piena erogabbli;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena u semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li fiċ-ċirkostanzi tal-każ m'hijiex qiegħda tinsisti fuq piena karċerarja bħala piena;

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni li giet registrata mill-imputat, liema ammissjoni del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukati difensuri tiegħu, tqis li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tiegħu ġew debitament ippruvati u b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tar-reati li gie mixli dwarhom.

Ghall-fini tal-piena ħadet in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reati li ġew kommessi mill-imputat, iżda wkoll il-fatt illi l-imputat irreġistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri tal-proċeduri, kif ukoll il-fatt li għandu fedina penali kompletament netta. Ikkunsidrat ukoll illi r-relazzjoni bejn il-partijiet illum spiċċat u u fuq kollox il-fatt illi l-imputat ikkumpensa lill-vittma addirittura qabel ġie mixli quddiem il-Qorti, billi xtralha mobile phone ieħor ġdid. Madankollu, ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi meta kkommetta r-reati kien meħlus mill-arrest f'żewġ proċedimenti separati. Għaldaqstant il-Qorti hija marbuta li tordna l-konfiska minn talanqas parti mill-ammont stabbilit għall-ħelsien mill-arrest u għal dan il-fini kkunsidrat illi t-twettiq ta' delitt minn persuna waqt li jkun meħlus mill-arrest jikkostitwixxi ksur ta' waħda mill-iktar kundizzjonijiet gravi tal-ħelsien mill-arrest. Madankollu, fiċ-ċirkostanzi, fejn għandu fedina penali netta u sejra tikkonfiska ammont mhux negliġibbli tal-ammont stabbilit għall-ħelsien mill-arrest, m'hijiex sejra tilqa' t-talba għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u għall-arrest mill-ġdid tal-ħati, anke għaliex il-Prosekuzzjoni ddikjarat li mhux sejra tinsisti fuq it-talba purche' jiġi konfiskat mill-inqas parti mill-ammonti stabbiliti għall-ħelsien mill-arrest fiż-żewġ digrieti.

**Għal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli 17, 31, 202(h)(iv), 214, 215, 221(1), 222(1)(a), 251B, , 251H(a), 251HA, 325(1)(b), 339(1)(e) u 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qiegħda ssib lil HAGEN AZZOPARDI ħati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u tikkundannah wieħed u għoxrin (21) xahar priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk il-ħati jikkommetti fi żmien tliet (3) snin, reat ieħor li huwa punibbli bil-priġunerija.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem ċar, ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Tordna l-konfiska tas-somma ta' ħames mitt Euro (€500) mis-somma stabbilita għall-ħelsien mill-arrest fid-digriet mogħti fid-9 ta' Lulju 2019 minn din il-Qorti diversament preseduta (Maġistrat Dr. Simone Grech) fil-proċeduri Il-Pulizija (Spettur Paul Camilleri) v. Hagen Azzopardi.**

**Tordna l-konfiska tas-somma ta' elfejn Euro (€2,000) mis-somma stabbilita għall-ħelsien mill-arrest ta' Hagen Azzopardi fid-digriet mogħti fl-24 ta' Marzu 2022 minn din il-Qorti diversament preseduta (Maġistrat Dr. Donatella Frenco Dimech) fil-proċeduri Ir-Repubblika ta' Malta v. Juanito Jimenez et.**

**Tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u għall-arrest mill-ġdid tal-ħati.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 382A tal-Kodiċħi Kriminali, tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Sabrina Farrugia għal żmien tliet (3) snin.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jieħu konjizzjoni tal-Ordni ta' Trazzin.**

**Tordna wkoll li kopja tas-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti għall-fini tal-artikolu 28A(8) tal-Kodiċi Kriminali u sabiex jieħu konjizzjoni tal-ordni tal-konfiska.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**